MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2003

Numru 131/2000

**Artikolu 8(2) tal-Kap 446**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**

**v**

**AARON RITCHIE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **AARON RITCHIE** ta' dsatax il-sena, bin Edgar u Janet nee Rymar, imwieled Londra, l-Ingilterra fis-sbatax ta' Frar, 1984 u residenti 176, Triq Bormla, Paola, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'Rahal Gdid f'xi hin fil-lejl ta' bejn s-sittax u s-sbatax ta' Jannar, 2000 kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Austin Mini Minor ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni BBB 721 ghad-dannu ta' John Brincat minn Rahal Gdid, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Talli fil-lejl bejn is-sittax u s-sbatax ta' Jannar, 2000 u fil-jiem ta' wara din id-data, f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew jmexxhom;

3. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi u fil-jiem ta' wara, voluntarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe l-vettura tal-ghamla Austin Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni BBB 721 ghad-dannu ta' John Brincat minn Rahal Gdid, liema hsara teccedi l-ghaxar liri maltin izda ma teccedix l-hamsin lira maltin.

Illi b'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet il-Pulizija v Eric Soler et nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 2000 din il-Qorti kienet illiberat lil imputat Aaron Ritchie bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reati iehor ghal perjodu ta' tlett snin minn dik d-datat tat-tmienja w ghoxrin ta' Marzu, 2000 u obbligatu joqghod taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg ghal tul l-perjodu ta' dik l-ordni.
Illi b'rikors tal-Ufficjal tal-Probation Officer Carmen Borg datat tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2000, il-Qorti giet mitluba sabiex izzid kundizzjoni mal-ordni tal-probation moghtija lil imputat u cioe li ghandu jsegwi programm ta' rihabilitazzjoni minhabba abbuz ta' droga.

Illi l-Qorti appuntat dan r-rikors ghas-smiegh u fis-seduta tat-tnax ta' Dicembru 2000 l-imputat probationer Aaron Ritchie iddikjara li ma kellux oggezzjoni li jaghti specimen tal-urina tieghu sabiex dan jigi testjat ghal presenza o meno ta' droga u fil-fatt dakinhar stess tat-tnax ta' Dicembru 2000 il-Qorti kienet ordnat lil imputat probationer Aronne Ritchie jaghti kampjun kull nhar ta'

Tnejn, Erbgha u Gimgha u dan fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Illi nhar **l-erbgha ta' April 2001 xehdet il-Probation Officer Carmen Borg** fejn spjiegat li l-imputat probationer Aronne Ritchie ma kienx baqa jaghti l-kampjun tal-urina tieghu u lanqas baqa jzomm l-appuntamenti tieghu maghha u fil-fatt certi rizultati li kellha rrizultaw posittivi ghal presenza ta' droga.

Illi l-imputat probationer Aronne Ritchie beda programm ta' rihabilitazzjoni kif jirrizulta mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg datat tmienja ta' Novembru 2001 u dan mal-komunita Santa Marija.

Illi nhar **d-disgha w ghoxrin ta' Lulju, 2002 l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg regghet xehdet il-Qorti** fejn spjiegat li l-imputat probationer Aaron Ritchie ghalkemm ghadda hames xhur fil-programm, m'ghamel xejn progress, anzi, beda jaffettwa b'mod negattiv ir-residenti l-ohra u fil-fatt nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2002 huwa telaq minn dan il-programm.

Illi b'sentenza taghha tas-sbatax ta' Ottubru 2002 din il-Qorti kienet sabet lil imputat probationer Aaron Ritchie hati ta' ksur ta' probation w ikkundannatu multa ta' hamsin lira maltin permess mill-ligi u estendiet l-ordni tal-probation ghal perjodu ta' sentejn minn dakinhar bil-kundizzjoni li jsegwi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg u jzomm kuntatt maghha tul l-perjodu kollu ta' sentejn.

Illi fid-**disgha w ghoxrin ta' Jannar 2003 il-Probation Officer Carmen Borg ippresentat rapport iehor** fejn infurmat lil Qorti li l-imputat probationer Aronne Ritchie kien gie ezaminat ghal uzu illegittimu ta' sustanza illegali w instab posittiv fuq Morfina u Cannabis.

Ghalkemm l-imputat probationer Aronne Ritchie stqarr li kien f'kuntatt ma Doctor Joseph Ellul, l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg, mill-verifiki li ghamlet, ma rrizultahliex li dan kien minnu.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2003, l-imputat probationer Aronne Ritchie kien ghadu qed jiehu l-kura ta' methadone.

Illi minn verifika li ghemlet wkoll din l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg dwar kuntatti li l-imputat probationer Aronne Ritchie ghamel mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig [ETC], rrizulta li huwa qatt ma kien registrat mal-istess korporazzjoni li hadem. Illi barra minn hekk, stqarret li l-imputat probationer ghadu disokkupat u m'ghadux jzomm kuntatt regolari maghha.

Illi din l-Qorti tat diversi cansijiet lil imputat probationer Aronne Ritchie sabiex jbiddel hajtu u jaghraf jusufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu sabiex jibda t-triq t-tajba u fil-fatt japprofitta ruhu mic-cansijiet moghtija lilu, izda dan nonostante, l-imputat probationer Aronne Ritchie webbes rasu w insista li jaghmel dak li jrid u li jghaddi minn mohhu.

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax tkompli tittollera tali sitwazzjoni u taghti l-impressjoni li min jikser dufrejh mal-ligi ma jigix punit. Din il-Qorti xejn m'ghandha simpatija ghal imputat probationer li ripetutament jipprova jisfida l-gustizzja. Il-Qorti thoss li l-fiducja li hija poggiet fl-imputat probationer fis-sentenza moghtija minnha fejn taghtu l-opportunita li jirriforma ruhu ma kienetx qed tigi reciprokata minnu, imma regettata u respinta.

Illi l-Qorti tikkundanna dan l-agir ardit ta' Aaron Ritchie u tistmerru u tqisu bhala agir arroganti.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta w innotat li l-imputat probationer ARONNE RITCHIE naqas li jhares l-htigijiet tal-ordni tal-probation u ghalhekk qed tittratta ma din il-persuna bhalikieku ghadha kif giet misjuba hatja ta' dawk r-reati minn din il-Qorti meta nghatat s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Eric Soler et nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 2000 u ghalhekk**

**tiddecidi li tikkundannah ghal perjodu ta' sena prigujnerija mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------